**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 50 – 16 ta’ Lulju 2018**

***Minuti tat-50 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-16 ta’ Lulju, 2018 fil-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug iltaqa’ fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta’ filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 50. Il-laqgha bdiet fil-6:15 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b’Apologija:** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works’ Co-ordinator |
| **Ufficċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**50.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ma kien hemm hemm l-ebda ittra ta' apologija.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha nru 49 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Kien hemm qbil mill-kumplament tal-Kunsilliera li l-minuti jigu approvati.

**50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.3.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill Lokali jaghmel talba mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex il-Gnien tal-Kmand jigi devolut lill-Kunsill. Fuq l-istess tema, il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb ittra lil Din l-Art Helwa u lill-NGOs simili sabiex jaraw li l-istat tal-Mithna li tinsab fi Triq il-Mithna jibqa kkonservat.

50.3.2 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li t-tender ghall-Binja tal-Kunsill u Day Centre gie ppublikat u ntefghet offerta wahda biss. Id-dokumenti inghataw lill-Perit sabiex jaghti r-rakkomandazzjonijiet tieghu.

50.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw zewg cameras ohra sabiex jitwehhlu fejn ikun hemm bzonn.

50.3.4 Gie maqbul li l-mural li ser jsir mal-faccata tal-librerija li jkun jinkludi l-faccata tal-Knisja Arcipretali, Dun karm u l-Innu Malti, Bieb de rohan, Wied Qirda u l-kappella,
Il-Qoton u s-Sigar taz-Zebbug.

50.3.5 Is-Sindku Sarah Agius qalet li tkellmet mas-CEO ta' TM sabiex tkompli tinsisti fuq it-traffic lights ta' Vjal il-Helsien. Hi nfurmat lill-Kunsill li issa hemm il-linja mghoddija bil-lest f'kaz li jkun jehtieg li dawn il-lights jigu nstallati.

50.3.6 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li kellha kuntatt mal-Bicycle Advocacy Group (BAG) sabiex fil-European Mobility Week isiru diversi attivitajiet gewwa Haz-Zebbug sabiex jippromwovu l-uzu tar-roti gewwa Malta. Ghalhekk ser isiru l-applikazzjonijiet ma' TM ghal xi fondi sabiex tittella' din l-attivita.

50.3.7 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li ser isiru xogholijiet estensivi fuq Gnien l-Indipendenza u anke fuq il-maqrut fejn hemm Santa Marija. Dan ix-xoghol ser isir kollu mill-Public Works.

**<u>50.4 Attivitajiet 2018</u>**

- Dwar il-Halloween ta' din is-sena, il-Kunsill qabel li ssir attivita bhal tas-sena li ghaddiet.
- Dwar l-attivita tal-Milied , il-Kunsill qabel li jikri 15-il stall minghand l-MTA, jikri palk u sound u jinkera xi grupp tad-daqq. Ghandu jinxteghel dawl tal-Milied sabiex il-poplu Zebbugi jidhol fl-ispirtu tal-Milied. Ghandhom jigu ddedikati Eur5,000 ghall-kiri tad-dawl tal-Milied. Ser isir kors ta kif isir il-presepju, liema presepji imbaghad jigu esebiti dakinhar tal-attivita tal-Milied.
- Ghal Jum Haz-Zebbug imiss lill-Kazin San Guzepp sabiex jaghmel il-programm muzikali. Ghal din l-attivita ser jigi ppublikat il-ktieb li qed jigi mhejji minn ToniCortis dwar Dun Karm.

**<u>50.5 Latrina</u>**

Is-Sindku spjegat li waqt laqgha li kellha hi u s-Segretarju Ezekuttiv mal-On. Silvio Parnis, gie diskuss il-kundizzjoni tal-latrina li hawn Haz-Zebbug, fejn saret it-talba li tinghata il-kamra li tinsab fil-bitha tal-iskola darha lejn l-istage sabiex ssir latrina hemmhekk. Is-Sindku nfurmat li din it-talba ma gietx milqugha mis-Sur Frank Fabri. Gie

deciz li l-latrina ezistenti tigi msewwija temporanjament, filwaqt li l-Kunsillier u Perit Chris Bongailas jipprepara zewg proposti bi pjanti tal-latrina, wahda fil-post fejn qieghda llum, u l-ohra f'parti mil-librerija.

**50.6 LIDL – Traffic Impact – PA/5388/18**

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jghaddi l-kummenti tieghu dwar PA/5388/18 billi: jinghad li:

- Il-Kunsill huwa kontra li jsir zvilupp f'ODZ
- Ghandu jsir studju dwar l-impatt tat-traffiku
- Il-Kunsill ma hu kontra l-ebda zvilupp kummercjali

**50.7 Abela House, Triq Tumas Dingli**

Il-Kunsill qabel unanimament li l-proprjetarju tad-drive in ghandu jinghata permess ibiddel il-bankina ghal-wahda bin-nizla sabiex tiffacilita dhul u hrug tal-vetturi bil-kundizzjoni li l-vetturi ma jostakolawx il-bankina.

**50.8 Tower Crane fi Triq Lazzru Pisani**

Gie maqbul unanimament mill-Kunsill li fejn ikun ser isir tower crane fit-triq ghax din tkun tippermetti, ghandha issir bankina ta' 90cm. It-tower crane u l-bankina temporanja m'ghandhomx jinhargu 'l barra aktar mill-linja tal-parkegg. Dan ghandu japplika kemm ghat-talba li saret ghat-tower crane fi Triq Lazzru Pisani u anke ghal dak fi Triq Icilio Calleja.

**50.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Kien hemm qbil unanimu ghall- vot tal-flus ghajr ghall-vot lil Rita Xuereb mill-Kunsillier Roderick Aquilina u l-vot lil Mario Cachia mill-Kunsillier Chris Bongailas.

**50.10 Twegibiet  Ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**50.11 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgha giet aggornata ghat-23 ta' Awwissu 2018 fis- 6:00pm. Din il-laqgha spiccat fit-8:10pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |